Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 403/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Byblos Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm354.99c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mit-23 ta' Jannar 1998 sal-10 ta' Gunju 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Is-socjeta' konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm354.99c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg